**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 40**

**IL-ĦAMIS 26 TA' ĠUNJU 2014 FIL-5.00PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier R. Rossignaud kien assenti u
l-Kunsillier A. Chetcuti kien skuzat minhabba raġunijiet ta' xogħol.

**IS-SINDKU QAL IT-TALBA**

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru.39 ġew approvati. Il-Kunsillier P.Fenech ippropona u l-Viċi Sindku ssekonda.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsillier R. Rossignaud informa li ma jistax jattendi għal din is-Seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Huwa nforma wkoll li l-Kunsillier ma wieġibx l-ittra li ntbgħatet lilu datata 3 ta' Ġunju 2014. F' din l-ittra huwa kien mitlub biex jispjega l-pożizzjoni tiegħu rigward nuqqas ta' attendenza tal-laqgħat preċidenti. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekutiv staqsa lill-Kunsill kif mitlub mil-liġi jekk il-Kunsill jiddikjarax il-post ta' l-imsemmi Kunsillier vakant. Il-Kunsill iddeċieda li qabel ma jasal għal din id-deċiżjoni għandha terġa' tintbaħatlu ittra rreġistrata u li dan għandu jingħata ħmistax- il ġurnata mid-data ta' l-itra sabiex jirrispondi.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1. Il-Kunsillier M. Fava informa li qed terġa' tibda' tiżdied il-problema ta' residenti barranin li joħorġu l-iskart tagħhom wara li l-kuntrattur jkun ġa ġabar l-iskart. Is-Sindku nforma li din il-materja qed tiġi diskussa fil-laqgħat tal-Kumitat Konġut biex jiġi estabilit ta' x'jista' jsir sabiex titnaqqas din il-problema. Il-Viċi Sindku informa li bħalissa il-gwardjani ta' l-ambjent qed jkunu allokati f' 2 toroq partikolari ( Triq is-Swieqi u Triq il-Hemel k/w ma' Triq il-Qatta) kull nhar ta' Sibt għall-tlett siegħat. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li sa issa huwa m'għandu l-ebda informazzjoni jekk dawn il-Gwardjani tkellmux ma' xi residenti li qed jabbużaw.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat dwar il-ħidma tiegħu li jinkludi wkoll diversi lagħat li huwa kellu mill-aħħar tas-Seduta. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

**2.** Huwa nforma li kellu laqgħa mas-Sinj. Bernardette Psaila mid-Dipartiment ghall-kura ta' l-Anzjani, fejn din talbet stima ta' l-oltreazzjonijiet . Is- Sindku nforma li dwar din l-istima , hu għamel kuntatti mal-Perit J. Papaciorcopulo. L-istima aħħarija għar-rikjesti hi stamata €36,000.00. Is- Sinj. B. Pace staqsiet x' jista jitħallas mill-Kunsill. Is- Sindlku spjega li l-Kunsill diġa' qed jikkontribwixxi l-post u l-ispejjeż ta' l-*utilities* li hu jidhirlu li dan huwa kontirbut xieraq. Il-Kunsillier M. Fava issuġerixxa li fil-laqgħa li se jerġa' jkollu s-Sindku jitlob sabiex id-Dipartiment ma jibqax daqstant strett.

**3.** Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni għad-dawl ġdid fi Triq il-Fjorin. Din il-kwotazzjoni tammonta għal €3477.00. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li s-Sindku jagħmel kuntatti mal-kuntrattur dwar jekk hux possibli li dan il-kont jitnaqqas.

**4.** Ġie ppreżentat ukoll rapport idettaljat li s-Sindku ppreżenta waqt il-laqgħa li saret mal-Membri Parlamentari fil-lokalita tal-Mellieħa. Dan ir-rapport se jkun aness m' dawn il-Minuti bħala App. B.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Viċi Sindku

1. Il-Viċi Sindku ħabbar li ġiet inawgurata l-Assoċazzjoni ta' l-Isports tas-Swieqi. Huwa nforma li dawn se jibdew jorganizzaw tipi differenti ta' attivitajiet sportivi b' kolloborazzjoni mat-team ta' Swieqi Football Club, Swieqi Handball Club u Swieqi Rugby Overseas.

2. Huwa nforma li se tiġi organizzata laqgħa mal-voluntiera li se jgħinu fl-organizzazjoni tas-Swieqi Fest ta' din is-sena. Din il-laqgħa se ssir nhar is-Sibt 28 ta' Ġunju 2014 fin-12.30pm. Huwa pjanat li din l-attivita' din is-sena titella fuq 4 ijiem ( 5,6,7,8 ta' Settembru 2014). Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-Kunsill taż-żgħażagħ għal din is-sena se jieħu ħsieb l-organizzazjoni tal-Youth Festival. Is- Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni għal-limitu ta' l-ispejjeż li jistgħu jintnefqu f' din l-ativita' (€3,500.00)

3. Il-Viċi Sindku nforma lil kull Kunsillier biex mill-aktar fis possibli jibgħatu write-up tagħhom għal ħarġa li jmiss tal-magazine tal-Kunsill. Dan write-up irrid jkollu sa 500 kelma.

4. Huwa rrefera għal-laqgħa li saret ma' l-uffiċċjali tal-Green MT u l- GreenPAK fejn dawn ta' l-aħħar permezz ta' email bgħatu l-proposta tagħhom. Il-Kunsill ġie nfurmat li sa llum il-GreenMT għadhom ma bagħtux risposti tagħhom. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li jkun jaqbel jekk il-Kunsill jkollu iż-żewġ proposti qabel ma ttieħed xi decizjoni. Fil-ġranet li ġejjin se jsir appuntament mal-GreenMT sabiex dawn jissottomettu l-proposti tagħhom.

5. Il-Viċi Sindku rrefera għax-xogħlijiet ta' tiswijiet ta' patching li għandhom bżonn isiru fi Triq l-Ibraġ, huwa fil-jiem li għaddew iddiskuta dawn ix-xogħlijiet mal-Kuntrattur responsabli u dan ta' stima lill-Kunsill li tammonta għal €1,400.00.

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier staqsa jekk hux possibli li l-pulizija li huma allokati fl-Għassa tas-Swieqi jkollhom vettura għad-diżpożżzjoni tagħhom f'kull ħin. Ġie deċiż li din il-possibilta' tiġi diskussa fil-laqgħa li se ssir mal-Ministru Dr. M. Mallia nhar il-Ħamis 3 ta' Lulju 2013 fis-6.30pm.

2. Huwa staqsa dwar l-iżvillupi ġodda fuq is-sistema tat-traffiku tal-lokalita' fi Triq il-Miġbed. Il-Kunsillier ġie infurmat li se ssir konstulazzjoni mar-residenti sabiex jiġi stabbilit aħjar u b'mod ċar ix-xewqa tar-residenti.

3. Il-Kunsillier P. Fenech ippropona li għandhom issiru xi olterazzjonijiet fl-ispazji tal-parkeġġ fuq in-naħa tax-xellug minn Triq is-Sirk 'il fuq. Huwa ġie nfurmat li dawn l-olterazzjonijiet jkunu jistgħu jsiru wara l-laqgħa li se ssir mar-residenti.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI**

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier staqsiet jekk kienx hemm xi żvillupi ġodda dwar il-kostruzzjoni bit-tarmak tat-Triq l-Inġinier fil-Madliena. Is- Segretarju Eżekuttiv wieġeb li skond l-aħħar informazzjoni li għandu, huwa ġie nfurmat li din il-materja qed terġa' tiġi diskussa fid-dettal bejn ic-Chairman u l-Chief Executive tal-WSC.

2. Hija qajmet il-problema lit-transport pubbliku mhux jgħaddi mit-toroq tal-Madliena. Is-Sindku nforma li huwa ġa kien qajjem dan il-punt u ġie nfurmat li wara li ssir ir-riforma u jintgħażel l-operatur il-ġdid, din il-materja tkun tista' tiġi diskussa mat-Transport Malta.

3. Hija nfurmat bil-proposti tal-Kumitat Amministrattiv preċidenti li isir heritage trail mad-dawra tal-Fortizza tal-Madliena. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Hija rrekomondat ukoll li xogħlijiet ta' pjanti għandhom issiru mill-Perit Wallace Farrugia li kien membru fil-Kumitat Amministrattiv preċidenti. Il-Kunsill qabel għaldaqstant se jkun inkarigat minn dan il-proġett.

Mill-Kunsillier C. Said

1. Il-Kunsillier irrapurtat li sfortunatament għall-ewwel darba kellha tiġi kkanċellata Skola Sajf peress li ma kienx hemm ħafna attendenza. Hija nfurmat li l-Gvern Ċentrali organizza skola tas-sajf f'Pembroke (Klabb 3-16) u għalhekk ħafna ġenituri għażlu din l-iskola peress li kienet irħas.

2. Hija nfurmat li kellha diversi lmenti minngħand residenti rigward li s-sinjali tat-traffiku (*parking bays*) qed jiġu abbużati.

3. Rigwrad l-aħħar ħarġa kultraili li ġiet organizzata għal din is-sena (Harbor Cruise), hija nfurmat li din kienet ta' suċċess u l-attendenza kienet sodisfaċċenti.

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier ppreżenta lista ta' punti li l-Kunsill irrid jiddiskuti. Din il-lista se tkun anessa ma' dawn il-Minuti bħala App. C.

2. Huwa rrefera għall-invoices tal-kuntrattur Mica Med Ltd. peress li dawn m'għandhomx id-data ta' meta isewwew kif ġa kien talab il-Kunsill. Għaldaqstant ġie deċiż li qabel ma tibda' titniżżel din id-data, jinżamm kull pagament.

**HUGH ZAMMIT** — **SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT** — **SINDKU**

## III APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

1. Ġiet ippreżentata l-iskeda tal-pagamenti nru.75 li ntbagħtet minn qabel lil kull Kunsillier permezz ta' email. Wara li saru xi aġġustamenti mitluba skond l-email tal-Kunsillier A. Curmi ( App.D), kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti biex dawn il-pagamenti jiġu approvati.

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is- Segretarju Eżekuttiv ppreżenta Memo 17/2014 dwar is-servizz ta' l-internet għall-streaming tal-laqgħat tal-Kunsill. Huwa nforma li wara li kkomunika mas-Sinj. I. Camilleri Aquilina, huwa jista' jikkonferma li jekk kemm il-darba il-Kunsill jagħżel il-kumpanija tal-Melita, id-Dipartiment jkun jista' joffri għajnuna finanzjarja lill-Kunsill. Għaldasqtant il-Kunsill ideċieda b' mod uninanimu li l-Kunsill juża dawn is-servizzi.

2. Huwa nforma li l-kuntratt ta' manutnezzjoni ta' tabelli u s-sinjali tat-traffiku waslet Għat-terminazzjoni.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li s-Seduta takl-Qorti li jmiss dwar il-każ ta' Triq il-Keffa hija skedata għal 15 ta' Lulju 2014. F' din is-seduta se tinqara s-sentenza.

Din il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm u sar aġġornament
għal nhar il-Ħamis 26 ta' Ġunju 2014 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**